31980D0755

9.8.1980 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 207/37

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Lulju 1980

li tawtorizza stampar li ma jitħassarx ta' informazzjoni preskritta fuq pakketti ta' żerriegħa taċ-ċereali

(80/755/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l- 14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* ta' żerriegħa taċ-ċereali ([1]), l-aħħar emendata bid-Direttiva 79/692/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 10(1) (a) tagħha,

Billi ż-żerriegħa taċ-ċereali ma tistax normalment titqiegħed fuq is-suq sakemm il-pakketti ma jkunux immarkati b'tikketta uffiċjali skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 66/402/KEE;

Billi, taħt dawk id-disposizzjonijiet, jista' jkun awtorizzat l-istampar ta' l-informazzjoni preskritta fuq il-pakkett innifsu b'mod li ma jistax jitħassar, fuq il-bażi tal-mudell stabbilit għat-tikketta;

Billi din l-awtorizzazzjoni għandha tingħata, taħt ċerti kondizzjonijiet li jiżguraw li r-responsabbiltà tibqa ta' l-awtorità ta' ċertifikazzjoni;

Billi l-miżuri li hemm provdut għalihom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Żrieragħ u Materjal li jkattar għall-Agrikoltura, Ortikultura u Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri huma hawnhekk awtorizzati taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, li jagħmlu provvedimenti għall-istampar taħt superviżżjoni uffiċjali ta' l-informazzjoni preskritta fuq pakketti ta' żerriegħa ta' ċereali tal-kategoriji "żerriegħa bażika" u "żerriegħa ċertifikata" ta' kull xorta.

2. Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija fil-paragrafu 1:

(a) l-informazzjoni preskritta għandha tiġi stampata jew ittimbrata b'mod li ma jitħassarxfuq il-pakkett;

(b) il-presentazzjoni u l-kulur ta' l-istampar jew tat-timbru għandhom ikunu skond il-mudell għat-tiketta wżat fl-Istati Membri konċernati;

(ċ) minn l-informazzjoni preskritta, mill-inqas dik meħtieġa taħt l-Anness IV, (A) (a) (3.3a), u (6) tad-Direttiva 66/402/KEE għandha tiġi stampata jew ittimbrata metajittieħdu kampjuni skond l-Artikolu 7 (2) tad-Direttiva hawn fuq imsemmija, l-istampar jew l-ittimbrar isir uffiċjalment jew taħt superviżjoni uffiċjali;

(d) flimkien ma' l-informazzjoni preskritta, kull pakkett għandu jkollu numru serjali individwali attribwit uffiċjalment li għandu jkun stampat jew ittimbrat b'mod li majitħassarx jew perforat mid-ditta li tistampa l-pakketti; din d-ditta għandha tinformalill-awtorità ta' ċertifikazzjoni dwar il-kwantitajiet ta' pakketti maħruġa, inklużi n-numri tas-serje tagħhom;

(e) l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha żżomm reġistri tal-kwantitajiet ta' żerriegħagħalhekk immarkata, inklużi n-numru u l-kontenuti tal-pakketti ta' kull lott, kif ukollinnumri tas-serje msemmija taħt (d);

(f) ir-reġistri tal-produtturi għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni mill-awtorità ta'ċertifikazzjoni.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kondizzjonijiet li taħthom huma jagħmlu użu mill-awtorizzazzjoni mogħtija fl-Artikolu 1. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar dan.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Lulju 1980.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Vici-President

([1]) ĠU 125, tal-11.7.1966, p. 2309/66.
([2]) ĠU L 205, tat-13.8.1979, p. 1.